**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**vs**
**Ibrahim Ben Jeddi**

**Illum 5 t'Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ibrahim Ben Jeddi, detentur ta' numru ta' dokument Malti 128526A.

Akkuzat talli nhar l-4 t'Awwissu, 2020 u anke matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet mghoti mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LLD, datat nhar id-19 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien minn l-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-Ghassa ta' San Giljan;

2. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet moghti mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D., li permezz tieghu huwa nghata l-helsien minn l-arrest taht

diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-Ghassa ta' San Giljan.

Il-Qorti hija mitluba illi f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht ghandu jigu konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 5 t'Awwissu, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', applikazzjoni ghal temporary humanitarian protection immarkat bhala Dok MM1; personal details immarkat bhala Dok MM2; fedina penali mmarkata bhala Dok MM3; dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok MM4; stqarrija mmarkata bhala Dok MM5; vera kopja ta' kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest datati 19 ta' Gunju, 2016 immarkat bhala Dok MM6; vera kopja ta' citazzjoni mmarkata bhala Dok MM7; vera kopja ta' kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest datati 11 ta' Settembru, 2018 immarkat bhala Dok MM8.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-5 t'Awwissu, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat **Ibrahim Ben Jeddi** u wara li rat l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonjiet kif dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghal perjodu ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva u tordna li l-ammont komplessiv ta' garanzija fl-ammont ta' seba' u ghoxrin elf ewro (€27,000) stabbiliti permezz ta' ordnijiet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datati 19 ta' Lulju, 2016 u 11 ta' Settembru, 2018, ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammont mhux imhallas ghandu jigi konvertit immedjatament f'habs effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**